# Il-Fidwa ta' Malta 550 sena ilu

Mal-mewt ta' Ferdinandu I, Re ta' Aragona u ta' Sqallija, fl-1416, iż-żewġ kuruni għaddew għal għand ibnu Alfonsu V ta' Aragona (u I ta' Sqallija, li magħha kienet imgħaqqda Malta). Minħabba l-gwerer mal-prinċpijiet ta' Anjou (Franċiżi), mal-Genwiżi u l-Piżani, il-Kaxxa tiegħu kienet dejjem vojta. Għalhekk, minkejja l-wegħdiet li l-predeċessuri tiegħu kienu għamlu — li Malta ma tiġix maqtugħa mill-Kuruna Aragoniża u mibjugħa lill-xi Sid Fewdali — fl-1420, Alfonsu taha bħala fewdu lill-Don Antonio Cardona, wieħed miż-żewġ Viċirejiet ta' Sqallija bil-ħlas ta' 30,000 fjorin tad-deheb (£M15,000) u tah ukoll il-jedd ta' setgħa fuqha bit-titlu ta' Gvernatur.



Minn Mons. Prof. A. Bonnici

Il-Gurati jew Kbarat ta' Malta flimkien man-nies ipprotestaw għal dak il-ksur ta' kelma; iżda huma kellhom iċiedu u jieħdu l-ġurament ta' fedelta' lis-Sid Fewdali l-ġdid u jħallsu t-taxxi li għamlilhom.

Ħames snin wara, il-Gżejjer Maltin għaddew għand Don Consalvo Monroi, Kavallier tar-Re. Dan tant għakkes lill-Maltin bit-taxxi, li xeħithom f'miżerja l-aktar kbira. Sa fl-aħħar, dawk il-vessazzjonijiet dejqu tant lill-Maltin li dawn qamu kontra dan it-tirann, keċċewh, ħatfulu ġidu, daru għal ħbiebu u sakkru lil martu Kostanza fil-Kastell Sant' Anġlu.

Ir-Re Alfonsu hedded lill-Maltin li ma jibgħatilhomx proviżjon u li jikkastigahom, jekk ma jibdlux l-imġieba tagħhom.

**PETIZZJONI LIR-RE**

Imbeżżgħin minn dak it-theddid, il-Membri tal-Kunsill Popolari bagħtu lill-Kanonċi Cataldu Casburella u Gregorju Bonnici (tgħid kien xi antenat tiegħi dan?) għand il-Viċire ta' Sqallija u għand ir-Re Alfonsu, biex jitolbu li l-Gżejjer tagħna jerġgħu jiffurmaw parti mid-Dominju Rjali u jgħarrfuhom li, għal dak il-għan, il-Maltin kienu lesti għalbiex iħallsu lil Monroi it-30,000 fjorin, basta jeħilsu minnu u jerġgħu jintrabtu mal-Kuruna bħal bliet ta' Palermo, Messina u Katanja.

Fit-13 ta' Mejju 1427, ir-Rappreżentanti tar-Re fi Sqallija kkonċedew l-inkorporazzjoni mitluba, iżda ma kkonċedew ebda privileġġ. Il-Maltin ma ridux joqogħdu għal dik l-umiljazzjoni. Iżjed minnhom l-Għawdxin. Ir-Re, imgħaddab, reġa' hedded kastigi.

Kienet il-miġja f'Malta ta' Nicolo' Speciali, wieħed mill-Viċirejiet ta' Sqallija, li taffiet ftit dik il-qagħda. Bissens ta' ġustizzja li kellu huwa ħass li l-Maltin kellhom jingħataw fakultajiet akbar u privileġġi wkoll. Il-Maltin, min-naħa tagħhom, urew li kienu lesti jeħilsu lil Donna Costanza u jatuha 5,000 fjorin u wegħdu li jħallsu l-bqija tat-30,000 fjorin lil Monroi fi żmien stabbilit. Anzi għal dan il-għan riedu jħallu f'Sant' Anġlu erba' ostaġġi bħala rahan.

**IL-"MAGNA CHARTA" TA' MALTA**

Fit-30 ta' Diċembru ta' 550 sena ilu, ġie ffirmat f'Palermo d-dokument li jista' jissejjaħ il-"Magna Charta" ta' Malta. Bis-saħħa tagħha ingħata lill-Universita' l-jedd li tagħmel hi t-taxxi, li tamministra l-piżijiet dovuti lir-Re għal għaxar snin u li tagħżel l-uffiċjali amministrattivi minn fost il-Maltin.

Fit-3 ta' Jannar 1428, iż-żewġ Viċirejiet iffirmaw id-dokument li nkorpora l-Gzejjer Maltin fid-Dominju Rjali. Ir-Re Alfonsu feraħ bil-wegħda ta' mħabba mill-Maltin, qagħad fuq il-wegħdiet tagħhom li jħallsu t-30,000 fjorin u kkonferma dak l-att fl-20 ta' Gunju 1428.

**U T-30,000 FJORIN?**

Imma l-povri Maltin mnejn kienu sejrin iġibu dik is-somma? Ir-riżorsi ta' Malta kienu bil-wisq baxxi, it-taxxi li semmejna kienu faqqru l-pajjiż, il-kursari tal-Barbarija ssuktaw iħebbu u jisirqu fil-Gżira, u biex tagħqad, matul l-1427 u l-1428 f'Malta xegħlet pesta qalila.

B'dana kollu n-nobbli u l-għonja maltin ħarġu somom kbar, il-Gurati u qassisin magħżulin mill-Isqof bdew jiġbru wkoll minn fost innies, u b'taħbit u sagrifiċċju ngabret is-somma meħtieġa.

Id-dokument irjali li semmejna, iffirmat f'Valenzja, sejjaħ lil Malta "Jocale notabile et insigne Coronae Regiae", li tfisser "ġawhra notevoli u nsinji tal-Kuruna Rjali" u għaqqad lil Malta mad-Dominju Reġju "bħall-Belt Feliċi ta' Palermo, il-Belt Nobbli ta' Messina u l-Belt ta' Katanja". Fih ilMaltin issejħu "żelaturi singolarissimi u vassalli (soġġetti) fidelissimi u ngħatawlhom il-privileġġi li kellhom qabel, speċjalment dawk li kisbu minn għand ir-Re Martinu fit-22 ta' Novembru 1397. Id-dokument irjali ta wkoll lill-Maltin is-setgħa li jirreżistu bl-għemil u bil-qawwa kontra min jazzarda jnaqqsilhom il-libertajiet ċivili tagħhom. Il-belt tal-Imdina bdiet tissejjaħ Notabile.

Din il-qagħda politika ta' Malta ma tbiddlitx iżjed, sakemm fl-1530, l-Imperatur Karlu V, bħala Re ta' Sqallija, ta l-Gżejjer Maltin b'fewdu lill-Kavallieri tal-Ordni Gerosolmitan.